Minuti tal-40 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 20 ta' Lulju, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tad-39 laqgha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Infiorata.**

2.1 Gie spjegat illi wara li ghalqet is-sejha ghall-offerti ghall-provvista ta' fjuri ghall-Infiorata u servizz ta' helpers ghall-preparazzjoni tal-fjuri ma giet sottomessa l-ebda offerta. Gie spjegat illi giet sottomessa kwotazzjoni wahda biss wara l-hin ta' l-eghluq permezz ta' l-email minghand Xerri's Garden Centre ghall-provvista ta' fjuri biss. Din il-kwotazzjoni kienet ferm gholja mill-prezz tal-offerta li kellu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li peress li ma fadalx zmien biex tohrog offerta ohra u l-kwotazzjoni mitfugha kienet gholja wisq ghandu jistaqsi lill-kuntrattur Sunrise jekk huwiex interessat li jestendi il-kuntratt ghal-sena ohra. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk dan jaccetta jaghti depozitu lill-kuntrattur.

2.2 Lisa Marie Brooke dahlet ghal-laqgha.

**3. Child Care Centre**

3.1 Gie spjegat illi l-isem maghzul fil-laqgha precedenti ma giex accettat mid-DSWS peress illi jezisti centru iehor bl-istess isem u ghalhekk intghazel isem iehor mill-lista proposta fil-laqgha precedenti, l-isem Footsteps. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 Giet trattata kwotazzjoni ghall-aluminium partitions u zewg twieqi biex isiru toilets addizzjonali fic-child care centre. Il-kwotazzjoni minghand Michael Formosa tammonta ghal €985. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.3 Biex isir ix-xoghol tat-toilets innifishom gie deciz li ghandha tintalab kwotazzjoni lil Tarcisju Xerri.

**4. Aggornament dwar xogholjiet u progetti.**

**4.1 Progett Mizura 323.**

4.2 Gie spjegat illi x-xogholijiet fuq il-kappella taz-Zejt mexjin u l-Mepa trid li jinbidel aktar gebel mill-fontispizju.

4.3 Dwar ir-restawr tal-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi din qed titkahhal. L-amenda tal-permess tal-MEPA biex jitranga z-zuntier hija mistennija ma ddumx. Irid isir ix-xoghol ukoll fuq il-picnic area.

4.4 Dwar ir-restawr ta' hitan tas-sejjieh fi Triq Birbuba gie spjegat illi x-xogholijiet huma temporanjament sospizi izda sa l-ahhar ta' Awissu ser ikunu kompluti.

4.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-bini ta' hajt fil-parti ta' barra ta' Triq il-Knisja fejn twessghet it-triq fejn is-Sindku spjega illi dan qed jinbena mill-haddiema tal-Kunsill u li l-gebel gie pprovdut mill-Ministeru ghal Ghawdex. Gie spjegat illi l-Ministeru ghal Ghawdex ipprovda wkoll biex isir it-tindif fl-arja ta' hdejn il-palma fi Triq il-Knisja.

4.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi kien hemm ftehim mal-WSC fejn ix-xogholjiet ser ikun qed isiru min naha tal-WSC kif stipulat. Ghal dan il-ghan ghandha ssir laqgha mal-Perit tal-Kunsill fi ftit gimghat. Gie spjegat illi il-bazi tal-konkos ghall-Pjazza Gerano u Pjazza hdejn ic-Centru Parrokkjali ser tkun qed issir min naha tal-WSC. Il-wicc isir tal-paving blocks tal-konkos min naha tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku spjega illi l-kuntrattur Road Construction ser ikun qed jaghmel ix-xogholijiet tal-WSC imsemmija kif ukoll Triq Sdieri. Gie spjegat illi l-kuntrattur ghandu jaghti l-programm tax-xogholijiet lill-Kunsill.

4.7 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni dwar it-tabelli li twahhlu fi Triq il-Knisja k/m Triq il-Vizitazzjoni li huma baxxi u wiehed jista' jahbat maghhom. Gie spjegat illi l-handyman ser ikun qed jirrangahom.

4.8 Saret diskussjoni dwar il-kanal tal-ilma fi Pjazza Gerano. Is-Sindku issuggerixxa illi l-grada issir tal-konkos bhalma saret quddiem l-isqaq tas-sorijiet. Is-Sindku spjega illi dan huwa xoghol tal-Kunsill u trid issir talba lill-Ministeru dwar il-possibilita' li dan ikun inkluz fix-xoghol taghhom.

**5. Skeda ta' pagamenti.**

5.1 L-iskeda ta' pagamenti annessa giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**6. Materji ohra.**

6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar xi korsijiet li ser isiru fil-perjodu tas-Sajf skond id-domanda tar-residenti li jinkludu kors tal-pittura ghall-adulti u ghat-tfal kif ukoll kors tat-tisjir ghat-tfal. Raymond Cassar issuggerixxa illi jigi organizzat kors fil-kura tad-dwiefer. Il-Kunsill qabel li dan isir kemm il darba ikun hemm il-konkorrenza mehtiega.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta t-tindif tat-toroq tal-lokalita' fiz-zmien tal-festa peress li s-servizz tal-kenniesa gie sospiz. Gie spjegat illi l-arja ta' San Pietru qed tigi mnaddfa b'mod sodisfacenti minn Louis Piscopo. Il-bqija tar-rahal qed jitnaddaf miz-zewg haddiema l-ohra tal-ETC assenjati mal-Kunsill u li wiehed minnhom ghadu kif gie itterminat. Gie spjegat illi ghall-festa ser ikun jinhtieg li jitqabbad kuntrattur privat sabiex it-toroq tar-rahal jinzammu nodfa. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu l-kwotazzjonijiet u jimxi bl-irhas kwotazzjoni.

6.3 Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghall-provvista u installazzjoni ta' tabelli.

6.4 Il-Kunsill qabel li ghal zmien il-festa ser jillumina il-parti ta' isfel ta' Triq il-Madonna tal-Virtu'.

6.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar Jum l-Gharb li jigi ccelebrat fid-29 ta' Awissu u qabel li ghandhom jintbaghtu l-ittri lill-ghaqdiet lokali biex ikunu jistghu isiru n-nominazzjonijiet ghall-premjijiet li jinghataw f'dan il-jum.

Il-laqgha spiccat hin 5.40pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv